IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-583/24 | [Tagu] [1]

Stqarrija għall-istampa Nru 154/26

Il-Lussemburgu, 3 ta' Novembru 2026

Mandat ta' arrest Ewropew: l-allegata sproporzjonalità bejn il-piena imposta u l-gravità tar-reat ma hijiex biżżejjed, fiha nnifisha, sabiex tiġġustifika rifjut ta' eżekuzzjoni

Ir-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jista' madankollu jkun iġġustifikat, bħala eċċezzjoni, b'mod partikolari meta l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru emittenti tippermetti, jew saħansitra timponi, pieni ta' priġunerija li tant ikunu sproporzjonati li jkunu ekwivalenti għal pieni inumani jew degradanti, jew meta din il-leġiżlazzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-gravità tar-reat u ma tippermettix it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi individwali

Raġel li ġie kkundannat għal seba' snin priġunerija fir-Rumanija għall-importazzjoni ta' tliet grammi kannabis u ta' erba' pilloli ta' MDMA huwa s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew. Qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi, adita bl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-konsenja tal-persuna inkwistjoni tistax tiġi rrifjutata minħabba n-natura sproporzjonata tal-piena imposta meta mqabbla mal-gravità tar-reat. Fil-Pajjiżi l-Baxxi, reat paragunabbli huwa punibbli b'piena ta' bejn ġimgħa u tliet ġimgħat priġunerija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri jimplika li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi r-regola u li r-rifjut ta' din l-eżekuzzjoni huwa possibbli biss f'każijiet eċċezzjonali, bla ħsara għall-obbligu tar-rispett tad-drittijet fundamentali. Għalhekk, għalkemm il-garanzija tar-rispett ta' dawn id-drittijiet taqa' fl-ewwel lok taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru li joħroġ il-mandat, f'każ ta' riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista', bħala eċċezzjoni, ikun iġġustifikat li jirrifjuta l-eżekuzzjoni wara eżami f'żewġ stadji separati. L-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha qabel kollox tivverifika l-eżistenza, fl-Istat Membru emittenti, ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati, jew li jaffettwaw grupp oġġettivament identifikabbli ta' persuni. Jekk hija tistabbilixxi li jeżistu tali nuqqasijiet, hija għandha wara dan tiddetermina jekk jeżistix riskju konkret u reali li l-persuna kkonċernata, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tagħha, tkun suġġetta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tippreċiża li differenzi, anki kunsiderevoli, bejn il-pieni previsti mil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri ma humiex biżżejjed, waħedhom, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali nuqqasijiet. Dawn in-nuqqasijiet jistgħu jiġu kkonstatati meta mill-leġiżlazzjoni jew mill-prassi ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti jirriżulta ksur manifest u gravi tal-prinċipju ta' proporzjonalità tal-pieni li ma jkun jista' jiġi rrimedjat minn ebda rimedju ġudizzjarju effettiv. Dan ikun b'mod partikolari l-każ jekk din il-leġiżlazzjoni tippermetti, jew saħansitra timponi, pieni li tant ikunu sproporzjonati li jkunu ekwivalenti għal pieni inumani jew degradanti fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, jew meta ma tippermettix li l-qorti tieħu inkunsiderazzjoni l-gravità tar-reat u ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ sabiex taġġusta l-piena. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li mil-leġiżlazzjoni Rumena ma jirriżultax li jeżistu nuqqasijiet li jammontaw għal ksur manifest u gravi tal-prinċipju ta' proporzjonalità tal-pieni li jistgħu jiġġustifikaw ir-rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

F'Diċembru 2023, DZ ġie kkundannat definittivament fir-Rumanija għal seba' snin priġunerija għall-importazzjoni, f'dan il-pajjiż, ta' tliet grammi kannabis u ta' erba' pilloli li kien fihom l-MDMA. F'Jannar 2024, qorti Rumena ħarġet mandat ta' arrest Ewropew sabiex DZ jiskonta din il-piena fir-Rumanija.

Quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), li ntalbet tiddeċiedi dwar il-konsenja ta' DZ lill-awtoritajiet Rumeni, DZ ikkontesta din il-konsenja billi sostna li l-piena imposta kontrih kienet sproporzjonata. Huwa indika li d-droga kienet intiża għall-konsum personali tal-konjuġi tiegħu, li kienet tużahom sabiex itaffi l-uġigħ. Il-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi tirrileva li inkwistjoni kien hemm kwantitajiet żgħar ta' drogi u li l-koppja ma kellhiex l-intenzjoni li titraffikahom.

Skont il-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi, fi żmien il-fatti tal-kawża, il-liġi Rumena kienet timponi piena minima ta' seba' snin ta' priġunerija għall-importazzjoni ta' drogi "ta' riskju għoli", bħall-MDMA. Minbarra l-possibbiltajiet limitati ta' tnaqqis tal-piena, allegatament il-qrati Rumeni la ħadu inkunsiderazzjoni l-kwantità żgħira ta' drogi inkwistjoni u lanqas ma ħadu inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn kienu intiżi għall-konsum personali jew, minn tal-inqas, tal-fatt li dawn kienu ġew importati mingħajr l-intenzjoni li jiġu ttraffikati. Barra minn hekk, lanqas ma kien possibbli li l-piena imposta kontra DZ tiġi sospiża.

F'dan il-kuntest, il-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk id-dritt tal-Unjoni [2] jippermettix li l-awtorità inkarigata mill-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tirrifjuta l-konsenja ta' persuna minħabba li l-piena imposta tkun sproporzjonata [3] meta mqabbla mar-reat li ta lok għal din il-piena u, għalhekk, tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni kkonfermat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [4].

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabel kollox, li l-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri huma ta' importanza fundamentali fid-dritt tal-Unjoni. Ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, kull Stat Membru għandu jippreżumi li l-Istati Membri l-oħra jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali li dan id-dritt jiggarantixxi. Dawn il-prinċipji jimplikaw li **l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju u li r-rifjut huwa possibbli biss f'każijiet eċċezzjonali**.

In natura possibbilment sproporzjonata tal-piena ma tinsabx, bħala tali, fost ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, espliċitament previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni [5].

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat [6] li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', jew saħansitra għandha, tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew meta jkun hemm riskju reali li l-konsenja tal-persuna kkonċernata twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha [7].

Ir-realtà ta' dan ir-riskju għandha, bħala prinċipju, tiġi analizzata f'żewġ stadji suċċessivi. L-ewwel**,** l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandu jkollha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati li jissuġġerixxu l-eżistenza, fl-Istat Membru emittenti, ta' nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati jew ta' nuqqasijiet li jaffettwaw grupp oġġettivament identifikabbli ta' persuni li minnu tifforma parti l-persuna kkonċernata. Huwa biss fil-każ li din l-ewwel kundizzjoni tkun issodisfatta li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', sussegwentement, teżamina konkretament u preċiżament jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tal-persuna rikjesta, jeżistix effettivament riskju li din il-persuna tkun suġġetta għal ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **d-differenzi, anki kunsiderevoli, bejn il-pieni previsti mil-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri ma humiex biżżejjed, waħedhom, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' tali nuqqasijiet**. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni kompleta tad-dritt kriminali, l-għażliet fil-qasam tal-politika kriminali jistgħu effettivament ikunu sinjifikattivament differenti. Jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni titħalla tistħarreġ il-proporzjonalità ta' piena minħabba li din kienet tkun inqas ħarxa taħt l-ordinament ġuridiku tagħha stess, dan ikun ifisser li din l-awtorità ġudizzjarja tingħata funzjoni ġenerali ta' stħarriġ tad-deċiżjonijiet kriminali mogħtija fl-Istati Membri l-oħra, sitwazzjoni li tkun tmur kontra l-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi.

Għaldaqstant, nuqqasijiet li jistgħu jiġġustifikaw tali stħarriġ jistgħu jiġu kkonstatati biss jekk il-leġiżlazzjoni jew il-prassi ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti **tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità tar-reati u tal-pieni b'mod manifest u gravi u jekk ma jeżistix rimedju ġudizzjarju effettiv li jippermetti li dan il-ksur jiġi rrimedjat.** Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta din il-leġiżlazzjoni tippermetti, jew saħansitra timponi, pieni ta' priġunerija li tant ikunu sproporzjonati li jkunu ekwivalenti għal pieni inumani jew degradanti [8], jew inkella meta r-regoli applikabbli bl-ebda mod ma jieħdu inkunsiderazzjoni l-gravità tar-reat u ma jippermettux li l-qorti tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi individwali tal-każ sabiex taġġusta l-piena.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-piena minima ta' seba' snin prevista mil-liġi Rumena għall-importazzjoni

ta' drogi "ta' riskju għoli" ma tistax titqies li hija, fiha nnifisha, piena inumana jew degradanti. Barra minn hekk, id-dritt Rumen jippermetti individwalizzazzjoni tal-piena. Il-qorti tista' b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-intenzjoni wara r-reat, il-kwantità ta' drogi inkwistjoni u ċ-ċirkustanzi attenwanti jew partikolari u, f'ċerti sitwazzjonijiet, tbiddel il-klassifikazzjoni tar-reat, li jista' jwassal għal tnaqqis tal-piena. DZ seta', barra minn hekk, jikkontesta l-kundanna tiegħu fl-appell u fil-kassazzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, **mil-leġiżlazzjoni Rumena inkwistjoni ma jirriżultawx nuqqasijiet li jistgħu jiġġustifikaw ir-rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew**.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex titratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw esklużivament (1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport jew (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari l-oħra kollha.

La l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma jaqtgħu t-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt tas-sentenza huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li tingħata.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355

Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq " Curia Web TV " kif ukoll fuq " Europe by Satellite" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.

[3] Fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-introduzzjoni ta' drogi tal-istess kategorija, għal kwantità sa għaxar grammi, hija punibbli b'piena ta' priġunerija ta' bejn ġimgħa u tliet ġimgħat. Barra minn hekk, il-possibbiltajiet għad-dispożizzjoni tal-qorti Rumena sabiex tnaqqas il-piena jew sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tagħha huma allegatament ħafna iktar limitati minn dawk għad-dispożizzjoni tal-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi.

[4] Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

[5] Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

[6] Billi bbażat ruħha fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

[7] Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa Nru 36/16) u tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU (ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa Nru 113/18).

[8] Fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, li s-sens u l-portata tiegħu jikkorrispondu għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.